**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-HAMES LEGISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGHA TAL-KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU 3 – IT-TLIETA 9 TA' MARZU 2010 FIT 8:45PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill

Prezenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Vici Sindku |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Michael Portelli | Segretarju Ezekuttiv |

Assenti

| | |
|---|---|
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera (Skużata) |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAT-TMIEN' LAQGĦA TAL-KUNSILL

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija u saru korrezzjonijiet meħtieġa.

## 2. BRING IN SITES

Waqt il-laqgħa tal-Kunsill kien hemm preżenti is-Sur. Joe Attard rappreżentant tal-Green MT biex jkun jista jispjega fuq l-iskema tal-bring in sites għal Mtarfa. Green MT se jkunu qed joffru servizz għal ġbir ta skart separat mingħajr ħlas. Dan il-ġbir se jkun qed issir fuq affarijiet differenti fi ġranet differenti. Il-mira tal-Green MT hija biex kemm jista jkun jitnaqqas l-użu tal-borża s-sewda.

Green MT se jkunu qed joffru bring in sites ta 1100 litri imma hemm ukoll ta daqs iżgħar ta 260 litru li ġew suġġeritti mis-Sindku biex jiġu offerti f żoni residenzjali. Is-Sindku sostna li l għan huwa biex il-mara tad-dar toħroġ barra sabiex tisseppara l iskart kif suppost f bring in sites li jkun viċin. B dan il-għan l-Mtarfa tkun tista tkompli teċċella fl-indafa. Dawn il-bring in sites huma għal karta, ħġieġ, plastic u metall. Is-Sur Attard spjega li din il-ħaġa tista tkun kordinata aħjar wara li jkun hemm survey tal-lokalita biex wieħed jara fejn jista jallokka dawn il-bring in sites. Dawn il-bring in

sites ikunu insured third part fire and theft. Madwar il-bring in sites anki se jkun hemm servizz biex dawn jinżammu indaf u preżentabbli. Biex dawn jiġu devoluti lil Kunsill l-ispiża għad devoluzzjoni titħallas mill-Green MT pero dawn xorta ikunu tal-Kunsill.

Is-Sur Attard spjega li dawn il-bring in sites ikunu monitored b CCTV cameras kontra vandaliżmu u abbużi oħra. Il-Kunsill Lokali jingħata ukoll fee ta € 30 fil-ġimgħa biex bħala rikkonoximent tax-xogħol amministrattiv biex ikun hemm koperazzjoni . Dan ix-xogħol amministrattiv ikun jikkonsisti li jiġu rapportatti abbużi fuq il-bring in sites u jkun hemm kordinament fuq il-ġbir tal-iskart.

Il-Kunsill Lokali se jingħata € 15 fuq kull tunnellata ta skart separat li jinġabru mill-bring in sites devoluti lil Kunsill. Dan il-ħlas jingħata kull ġimgħa li jinqabeż it-tunellatta. Il-Kunsill jista jinkariga persuna biex tkun tista tara il-Kunsill x qed jirċievi bħala refund fuq l-iskart riċiklat. Inkella f każ li l-Kunsill mhux se jkun qed jieħu r-refund ir-residenti jingħataw il-borża griża b' xejn. Il-boroż jingħataw bħala l-ewwel supply li tkopri 26 ġimgħa lir-residenti. L-iskart ikun miżun u dan jiġi meqjus meta l-piż ikun jeċċeddi 20 kilo mill-apparat li għandhom huma.

Barra dawn is-servizzi Green MT anki jinstallaw stainless steel bins f postijiet pubbliċi bħal ġonna u toroq. Green MT anki tifinanzja attivitajiet ambjentali billi tagħti grant ta € 500 fuq l-ispejjeż.

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono staqsa jekk dawn jistrajkjawx mis-servizz tagħhom f' każ jekk xi ħadd mill-membri tagħhom jiħux azzjonijiet. Is-Sur. Attard m eskludix din il-possibilta. Is-Sur. Attard qal ukoll li f każ li wieħed mill-kuntratturi ma jkunx qed jagħti s-servizz mistenni dan jista jiġi rapportatt u Green MT tieħu l-passi kontrih.

Green MT se tkun qed tagħmel pilot project fuq il-ġbir tal-iskart f diversi lokalitajiet Malta u Għawdex biex jiġi studjat aħjar il-metodu tal-ġbir ta skart biex dan ikun aktar effiċjenti. Is-Sindku staqsa jekk il-lokalita tal-Mtarfa tistax tieħu sehem f dan il-proġett imma peress li dawn diġa intagħżlu dan ma kienx possibli.

Is-Sindku ippreżenta ukoll il-proposti ta Greenpak għal lokalita tal-Mtarfa. Din saret peress li ma setgħux jattendu rappreżentanti ta Greenpak waqt il-ħin tal-laqgħa. Din il-kumpanija toffri ukoll is-servizz ta ġbir ta skart separat. Is-servizz tal-ġbir ta skart issir b' xejn mill-kuntrattur imqabbad apposta. Ikun hemm ukoll tindif madwar il-bring in sites biex dawn jinżammu fi stat tajjeb. Dan is-servizz issir madwar erba' darbiet fil-ġimgħa. Dawn ukoll ma joffrux servizz ta bulky refuse.

Huma joffru ukoll servizz ta bring in sites żgħar madwar il-lokalita li huma ta 240 u 260 litru. Dawn il-bring in sites jiġu mqassmin f partijiet differenti tal-lokalita biex jikkaterjaw għal bżonnijiet tar-residenti b' mod tajjeb. Waqt li jkun qed issir is-servizz tal-ġbir tal-iskart tal-bring in sites iż-żgħar dawn jintiżnu on the spot biex wieħed ikun jaf kemm hemm piż u dan ikun irrekordjat f database apposta. Dan l-informazzjoni wara tgħaddi lil Kunsill Lokali kull ġimgħa u xahar.

Biex Greenpak jassigguraw li jkun hemm kampanja ta ġbir ta skart separat tajjeb huma se jkunu qegħdin iżżuru d-djar u jagħtu informazzjoni lir-residenti fuq kif għandhom jagħmlu separazzjoni tal-iskart kif suppost. Barra mis-servizz ta ġbir ta

skart separat fil-lokalita huma anki għandhom bring in sites żgħar li jistgħu jinxtraw bil-prezz ta € 19 kull waħda.

Il-kunsilliera flimkien mas-Sindku u l-Viċi Sindku evalwaw iż-żewġ proposti flimkien u ddiskutewhom. Peress li l-proposta offruta min Green MT hija aktar vantaġġjuża (fuq il-bażi tas-servizz u rewards) il-Kunsill qabel li juża s-servizz tal-Green MT. Fil-ġranet li ġejjin ħa jkun qed jikkuntattja lil Green MT biex jibda l-kordinament tax-xogħol.

### 3. FINAL ACCOUNTS GĦAS-SENA 2009

Fil-laqgħa kien hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur. Patrick Caruana. Miegħu ġab kopja tal-Accounts. Is-Sur. Caruana sostna li l-ammont li jidher fl-Istatement of Income and Expenditure sal-aħħar ta Diċembru 2009 li huwa bħala (4321) deficit dan qiegħed mingħajr ma daħal l-allokazzjoni peress li s-sena tal-2009 kienet ta disa' xhur flok tnax il-xahar u l-aħħar allokazzjoni għas-sena 2009 daħlet fl-2010 wara li saru l-Accounts. Filfatt il-Kunsill Lokali bħala assi għandu l-ammont ta € 115,512 u hemm flus dovuti lilu ta € 31,675. Dan l-istatement huwa ġabra tal-infiq u dħul.

Huwa spjega ukoll min fejn huma ġejjin il-figuri billi għamel referenza għal paġni min 7 sa 13 tal-Accounts li huwa ppreżenta. Dawn il-paġni joffru spjegazzjoni tal-figuri billi juru f' aktar dettal min fejn akkummulaw l-ispejjeż u d-dħul matul is-sena.

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono staqsa biex ikollu spjegazzjoni tal-Accounts f' aktar dettal u anki t-transazzjonijiet li saru. Is-Sur. Caruana qal li ħa jibgħat spreadsheets li jagħtu records ta dak kollu li hemm imniżżel u li eventwalment dawn iwasslu għal figuri murija fl-Accounts.

Is-Sur. Caruana staqsa jekk hemmx xi sorsi ta dħul jew infiq ieħor li ma ġewx imsemmija lilu u ġie żgurat mill-Kunsill li dan ma kienx il-każ. Wara li ġew ippreżentati l-Accounts sar ukoll xi diskors fuq il-budget biex ikun jista jsir ix-xogħol fuqu.

Is-Sur. Caruana semma li għandhom jiġu kkalkolati madwar € 40,000 spejjeż ġodda li jikkonsistu f' pagi, peress li l-Kunsill qed jimpjega Segretarju u clerk dawn jammontaw għal € 35,000 u kuntratti għal servizzi li se jkunu qed joħorġu għal ewwel darba. Kif hemm imsemmi aktar il-fuq is-surplus li se jkollu l-Kunsill għal bidu tas-sena se jkun qed jintuża fuq il-proġett tal-bandli li huwa proġett kapitali. Is-Sur. Caruana spjega li l-ewwel għandhom jinqatgħu l-ispejjeż tal-kuntratti u dawk amministrattivi u jekk ikun hemm xi avvenimenti oħra li bi ħsiebhom issiru. Wara li jinqatgħu dawn l-ispejjeż il-flus li jibqgħu jistgħu jintużaw għal attivitajiet. Wara jkun jista jiġi kkalkolat l-ammont rimanenti lil Kunsill. Mill-ammont li hemm allokat lil Kunsill Lokali matul is-sena hemm l-ammont li huwa ta € 52,000 li huwa allokat għat toroq (manutenzjoni u tindif) li dan ma jistax jiġi allokat fuq spejjeż oħra.

Is-Sur. Caruana qal ukoll li se jibda jippreżenta Quarterly Financial Reports kull meta jkun jmiss it-terminu. L-ewwel wieħed għas sena 2010 se jkun ippreżentat f' April. B' hekk ukoll il-Kunsill Lokali jkun jista jżomm aktar track record tal-infiq u dħul li jseħħ matul is-sena. Sostna wkoll li l-Kunsill se jibda s-sena fi stat finanzjarjament healthy.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

Kien hemm is-schedule of payments ippreżentata waqt il-laqgħa biex ikunu jistgħu jiġu eżaminati fil-Kunsill.

Is-Sindku staqsa fuq il-paġa ta Hector Cassola (ex Aġent Segretarju Eżekuttiv) peress li dehret somma għolja. Is-Segretarju wieġeb li din inħadmet bil-bonuses li kien hemm pendenti. Il-Kunsill talab għal breakdown tal-paga sabiex tiġi riveduta.

Il-pagamenti l-oħra ġew ikkonfermati mil-Kunsilliera u is-schedule of payments ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku, Segretarju u mill-Kunsillier Antoine Vella.

## 5. ŻJARA F' ARVIDSJAUR

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono kompla jaġġorna lil Kunsill fuq l-aħħar żvillupi li kienu qed issiru rigward iż-żjara tad-Delegazzjoni li se ssir f' Marzu lejn Arvidsjaur. Rigward is-servizz tal-kollazjon huwa qal li kemm dawk li kienu se jkunu fil-lukanda kif ukoll dawk li kienu se jkunu fil-cottages kien se jkollhom kollazjon. Barra is-servizz il-Kunsillier spjega li se jkun hemm kuntatt kontinwu bejn il-lukanda u l-cottages biex wieħed jiżgura li ma jkun hemm l-ebda problemi.

Huwa qal ukoll li rigward l-assikurazzjoni ħa jkun hemm żewġ tipi għal dawk li se jagħmlu *winter sports* (skiing etc) u għal dawk li mhumiex se jipparteċipaw fil-*winter sports*. Il-prezz jkun ivarja peress li hemm ċertu riskji extra marbutin ma dan l-isport li wieħed aħjar jipprevenihom. Id-delegazzjoni se tkun qed tieħu sehem fil-*winter sports* li matul iż-żjara dan se jsir darbtejn u f' forma ta kompetizzjoni.

Biex il-preparamenti issiru mill-aħjar ġie suġġeritt li ssir laqgħa għal dawk in-nies li iffurmaw parti mid-delegazzjoni bħal lum ġimgħa fis 7.30 p.m. ġewwa l-Kunsill Lokali. Dakinhar għandhom jitqassmu wkoll il-biljetti tal-ajru u tiġi mqassma informazzjoni fuq il-lokal sabiex kulħadd ikun infurmat. Se jkun hemm ukoll is-servizz tal-insurance għal dawk li jixtiequ li jkollhom dan is-servizz. Sabiex jiġu evitatti persuni li ma ġewx infurmati se tintbagħat ittra rreġistrata lil kulħadd.

Il-Kunsillier Anatole semma li l MTA għandhom xi gifts li jistgħu jittellgħu Arvidsjaur biex ikunu ippreżentatti lir-rappreżentanti tal-post. Se jittellgħu ukoll xi platti tal-ħġieġ bis-simboli tal-Mtarfa biex jitħallew bħala tifkira.

## 6. JUM L-MTARFA

Fit-23 t' April li jaħbat Jum l-Mtarfa se titħejja Lejla Poetika li fiha residenti mill-Mtarfa jippreżentaw xogħol poetiku u jinqara dakinhar. Għal dan il-għan se jitħejjew formoli bid-dettalji li għandhom jitqassmu fid-djar kollha għal min hu interessat. Il-poeżiji jistgħu jkunu anki mhux bil-Malti.

Is-Sindku saqsa biex titħejja formola u tintbagħat lir-residenti biex jkunu jistgħu jiġu nominati persuni biex jieħdu 'Ġieħ l-Mtarfa' u għal ewwel darba 'Unur l-Mtarfa'. Din il-formola se tkun kordinata flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

## 7. ATTIVITA TAL-GĦID

Is-Sindku semma li l-Mtarfa Drama Group se jtella pageant flimkien mal-Kunsill Lokali bl-isem tal-fidwa. Sabiex ikun jista jittella dan il-pageant hemm bżonn li jkun hemm palk u għalhekk is-Sindku issuġġerrixxa li ssir talba lil Malta Council for Culture and Arts biex wieħed jara jekk dawn jistgħux jgħinuna permezz ta palk misluf. Ir-rehearsals se jkunu qed issiru fil-kamra fejn is-soltu kienu jsiru l-lectures tal-ingliż filgħaxija.

Tista tinkiteb ukoll ittra lil Banda tal-Konti Ruġġieru biex dawn jsellfuna palk li jista jintuża flimkien ma palk ieħor. Din il-pageant se tkun promoted permezz ta flyer li ħa joħroġ min naħa tal-Kunsill Lokali fl-okkażżjoni tal-Għid u se tissemma ukoll il-pageant. Il-Kunsill Lokali se jkun qed jagħmel tajjeb għal ispejjeż biex jittella dan il-pageant, bħal dawl, sound u ħjata tal-kostumi.

Barra mill-pageant se jkun qed issir party tal-Għid li qed ikun kordinat mill-Kunsillier Anatole Scerri Diacono. F dan il-party it-tfal se jingħataw bajd taċ-ċikkulata bħala rigal. Il-biljetti għal dan il-party se jkun jiswew € 3.00 il-persuna. Dan il-party se jkun qed jiġi msemmi fil-flyer li se jkun qed jitlesta fil-jiem li ġejjin.

## 8. MILITARY MTARFA

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġie avviċinat min persuna li wriet ix-xewqa li tisponsorja parti mill-billboards li se jsiru għal okkażżjoni ta Military Mtarfa. L-ispiżjara tal-Mtarfa Pharmacy uriet ix-xewqa li toffri servizz ta medical tests b' xejn għal dakinhar ta Military Mtarfa. Dan is-servizz huwa offert għar residenti tal-Mtarfa biss.

Is-Sindku ġie avviċinat min Dr. Soler li jifforma parti mill-AACTS li huma grupp ta reanactors fuq il-perjodu tat-Tieni Gwerra. Dan il-grupp esprima x-xewqa li jieħu sehem fil-Military Mtarfa flimkien mal-grupp AMACS. Il-proposta kienet milqugħa tajba u se tkun diskussa fil-Kunsill aktar il-quddiem. Għalhekk is-Sindku ippropona li l-ewwel ikun hemm diskussjonijiet miegħu biex il-Kunsill jara x inhuma l-proposti tiegħu.

Stephen Petroni li se jkun qed jorganiżża l-esibizzjoni waqt Military Mtarfa wera x-xewqa li din issir fl-iskola primarja tal-Mtarfa li hija l ex officers mess. Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono se jkun qed jiltaqa miegġu flimkien mal-headmistress tal-iskola biex jkun hemm aktar diskussjonijiet biex wieħed anki jara jekk din tkunx possibli min naħa tal-iskola.

## 9. KORRISPONDENZA

### 9.1 Korrispondenza mis-Sindku

Is-Sindku tkellem fuq il-ħinijiet tal-iskrivan tal-Kunsill Lokali, Joe Spiteri li beda jaħdem mal-Kunsill f' Diċembru 2009. Huwa qal li fl-intervista li kienet saritlu biex jkun jista jibda jaħdem mal-Kunsill, il-ftehim kien sar li dan għandu jidħol jaħdem fil-ġurnata tas-Sibt ukoll skont l eżigenzi tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku li wkoll kien preżenti għal intervista sostna fuq dak li qal is-Sindku u li kien hemm qbil min naħa ta Joe

Spiteri. Is-Sindku sostna li tali ftehim għandu jiġi nnutatt kif suppost fil-kuntratt li bħala ġranet tax-xogħol jinkludu mit-Tnejn sas-Sibt.

Is-Sindku ippreżenta ittra li waslet għandu mingħand residenti li joqgħod fi sqaq li jifforma parti min Triq l-Mtarfa li qed jilmenta li sar brix fuq il-karozza tiegħu wara li xi ħadd qata il-ħaxix li hemm quddiem id-dar tieghu. Il-persuna qed jsostni li kien persuna min naħa tal-Kunsill li għamlet dan ix-xogħol pero ma ġiex identifikat. Is-Sindku qal li t-tonalita li intużat f din l ittra kien aggressiv u qal li l-Kunsill m għandux iħallas fuq ħsara li ma għamilx hu. Is-Sindku qal biex għalhekk il-ħaddiema għandhom imorru fuq il-post biex jaraw min minhom qatgħu il-ħaxix u jagħmlu tajjeb għalih huma.

Is-Sindku ħabbar li wasal il-permess biex jkun jista jiġi żvillupat il-bandli. Dan sar wara li kien hemm reviżjoni fuq id-daqs ta rampa li tagħti aċċess lil persuni b' diżabilta. Is-Sindku sema ukoll li saret ittra lil Ministeru tar-Riżorsi biex tintalab għajnuna bħala ħaddiema biex tali proġett jkun jista jsir. Kien hemm risposta kemmxejn pożitiva fejn il-Ministeru saqsa x tip t' għajnuna hemm bżonn, biex jara kif jista jgħin mill-aħjar li jista.

Is-Sindku informa wkoll li kien wasal ir-rapport tax-xogħol li hemm bżonn li jsir fuq il-kwistjoni tal-parkeġġ ta Binja Qlejgħa. Is-Sindku qal ukoll li dwar dan il-każ hemm iċ-ċans li ssir mistoqsija parlamentari biex din titieħed għand Awtoritajiet għolja u tingħata aktar importanza, fuq din ha jikkollabora il-perit Robert Musumeci. Huwa qal ukoll li se tinkiteb ittra lil Housing Authority bl avukat biex dawn jinżammu responsabli tal-ħsara li qed issir u anki peress li s issa għadu ma ġiex ippruvat li ż-żona tal-parkeġġ hija responsabilta tal-Kunsill kif qegħdin jsostnu huma. Dawn il-parir ingħataw wara li kien hemm konsultazzjoni legali mal-avukat li qed jiggwida fuq kif għandha titmexxa tali kwistjoni.

Is-Sindku kien avviċinat mis-Sur. Alfred Baldacchino li kkritika fuq il-mod ta kif kien qed issir iż-żbir tas-siġar ġewwa l-bosk. Is-Sur. Baldacchino qal ukoll li trid tingħata attenzjoni lil dawk is-siġar endemiċi li huma protetti. Is-Sindku ssuġġerixxa li għandha tinkiteb ittra lis-Sur. Baldacchino biex jagħti parir lil Kunsill fuq dan il-qasam.

Il-Kunsill se jkun qiegħed juża trasport fuq xogħol relatatt mal-Kunsill. Dan se jkun offert mis-Sur. Bondin ħaddiem tal-IPSL u għal dan ix-xogħol jingħata € 90 fix-xahar spejjeż u fuel. Din ġiet diskussa waqt il-laqgħa u approvata mill-Kunsilliera preżenti waqt il-laqgħa. Is-Segretarju se jkun qed jiċċekkja aktar fid-dettal rigward dil ħaġa tistax issir.

Is-Sur. Patrick Caruana li huwa l-Accountant tal-Kunsill avviċina lis-Sindku fuq il-possibilta li jingħata żieda għas servizz li huwa qed jagħti bħala accountant, peress li l-ammont li hu kien qed jieħu għadu l istess bħal dak li kien qed jieħu fil-bidu tas-servizz tiegħu. Il-Kunsill approva li dan ikollu żieda ta € 11.65 fix-xahar mal-ammont preżenti.

### 9.2 Korrispondenza mill-Viċi Sindku

Il-Viċi Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv fuq is-sleeping policeman li kellu jsir fi Triq Theuma Kastalleti, peress li dan għadu ma sarx. Is-Segretarju wieġeb li waslu

xi ittri mingħand L-Awtorita dwar it-Trasport fuq il-każ biex dan ikun regolarizżat, biex ikun jista jsir.

Il-Viċi Sindku staqsa ukoll fuq id-dawl ta Triq Kavallier Vincenzo Bonello, peress li wara l-applikazzjoni ma kien sar xejn. Is-Segretarju wieġeb li din l-applikazzjoni kienet vetted min naħa tal Enemalta u qiegħda fil-proċess. Hu kien se jkompli jiċċekkja biex jara x ġara fuq il-każ.

Fix-xahar ta qabel issemma problema ta tbattil ta drenaġġ li kien qed issir fi triq Kavallier Vincenzo Bonello. Il-Viċi Sindku staqsa kif kien baqa il-każ. Is-Segretarju wieġeb li kienet intbagħtet ittra lil Awtoritajiet konċernati fuq il-każ imma ma kienx hemm risposta, għalhekk huwa qal li se terġa tintbagħat ittra oħra.

Residenti li joqogħdu fi Triq Gregorio Caraffa talbu lil Viċi Sindku biex din issir one way minħabba li kienet qed tkun ta periklu għal min jgħaddi minnha. Din it-talba se tkun qed issir fil jiem li ġejjin.

Is-Sur. Victor Borg li joqgħod fi Triq li tifforma parti min Triq l-Mtarfa avviċina lil Viċi Sindku biex jara hux possibli li t-triq fejn huwa joqgħad tiġi surfaced. Il-Viċi Sindku ressaq l-ittra l ingħatatlu quddiem il-Kunsill u staqsa jekk tistax issir xi ħaġa fuq dan il-każ. Is-Sindku wieġeb li l-ewwel wieħed irrid jara taħt min taqa r-responsabilta ta din it-triq. Il-Viċi Sindku semma wkoll biex naraw jekk ir-residenti imsemmi hawn fuq għandux xi kwotazzjonijiet fuq ix-xogħol u jekk huwiex lest li jagħmel ukoll tajjeb għal ispejjeż li tinvolvi biex issir f' każ li din tkun se ssir.

### 9.3 Korrispondenza mill-Kunsillier Antoine Vella

Il-Kunsillier Antoine Vella staqsa lis-Segretarju meta se joħroġ it-tender tal-website. Is-Segretarju wieġeb li bħalissa hemm it-tender tal-public convenience li se jkun qed jagħlaq fis 7 t' April. Kif ikun hemm it-tender tal-public convenience magħluq ikun jista joħroġ it-tender tal-website.

Il-Kunsillier Antoine Vella staqsa lis-Segretarju fuq diversi każijiet li hemm fi Triq is-Sardinell. Fuq il-każ tad-double yellow line is-Segretarju wieġeb li s issa kien għad ma kellux tweġiba u qal li se jkun qed ifittex aktar fuqha. Il-Kunsillier semma wkoll li kien hemm ukoll problema fuq ritenzzjoni tal-ilma u hemm bżonn li jsir tranġar biex tissolva din il-problema.

Il-Kunsillier Antoine Vella kien avviċinat mis-Sur. George Mangion li huwa persuna mlaħħqa fl-iscouts. Is-Sur. Mangion esprima li jixtieq li jkun hemm kamra dan wara li jiġu ffurmati l-iscouts ġewwa l-Mtarfa. Huwa ressaq din it-talba fil-Kunsill. Il-Kunsill wieġeb li bħalissa m hemmx premises li jistgħu jintużaw bħala headquarters, imma f' każ li jkun hemm il-quddiem jagħmel komunikazzjoni.

## 10. AĠĠORNAMENTI U XOGĦOLIJIET

Il-Viċi Sindku rrapporta fuq xi xogħolijiet li saru u bħalissa qed issiru. Fost dawn kien hemm qtugħ ta ħaxix li sar f' diversi żoni tal-lokalita.

Sar ukoll tiswija ta dawl fi Triq Gregorio Caraffa. Liema dawl kien maqtugħ u ġie rappurtat mir-residenti taż-żona lil Kunsill.
Kien hemm tiswija li saret fil-parkeġġ ta Binja San David.

Saru wkoll xogħolijiet ta U bars min ħaddiema tal-IPSL.

Qed issir ukoll trinka fil-parkeġġ viċin Triq Sir Leslie Rundle biex issir floodlight li jixgħel il-parkeġġ. Il-Kunsill se jkun qed jixtri l-floodlight u għandha titwaħħal fil-jiem li ġejjin.

Il-Viċi Sindku semma ukoll biex issir cold asphalt fi trejqa li hemm li tagħti min Pjazza Palma għal Triq Theuma Castaletti (in-naħa tal-garaxxijiet).

## 11. GĦELUQ IL-LAQGĦA

Il-laqgħa ġiet fi tmiema l-Erbgħa 10 ta' Marzu 2010 fis-siegħa ta filgħodu (1.00 a.m.).

Kien hemm ukoll qbil bejn il-kunsilliera preżenti biex il-laqgħa t' April issir fil-15 t' April 2010 fis-7.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Michael Portelli**<br>**Segretarju Ezekkutiv** | **Anthony Mifsud**<br>**Sindku.** |